*- talba għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju*
*- 836(1)(a),(d) u (f) Kap 12.*
*- penali ai termini tal-Artikolu 836(8).*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Revoka Nru. 902/2019 GM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 917/19 fl-ismijiet:

**Frankie Ciantar (K.I.201166M) f'ismu propju u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-Club bl-isem ta' Pieta' Hotspurs F.C Accedemy; Noel DeBattista (K.I.456759M) f'ismu propju u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-Ħamrun Spartans Nursery; Jonathan Barbara (K.I.74176(M) f'ismu propju u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Birkirkara F.C Youth Academy; ilkoll għan-nom u in rappreżentanza ta' tfal minuri membri fil-clubs rispettivi li kienu se**

**jsiefru u persuni adulti li kienu ser jakkumpanjawhom**

**vs**

**Joffrey Mallia (K.I.533382(M) u martu Sarah Mallia (K.I.140683(M)**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq mill-esekutati konjugi Mallia fl-20 ta' Settembru 2019, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti:

1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 971/19 fl-ismijiet premessi b'mod sħiħ, u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(a), u (d) u/jew (f) tal-kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna, għar-raġunijiet mogħtija mill-artikolu 836(b) u/jew (d) tal-istess kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, lis-sekwestranti Frankie Ciantar pro et noe et sabiex iħallsu l-penali sal-massimu maħsub mil-liġi, li tmur għand ir-rikorrenti odjerni, u dan ai termini tal-artikolu 836 (8) ta-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti odjerni, inkluż fosthom l-ispejjeż inkorsi in vista taċ-ċedoli ta' depozitu mressqa in osservanza tal-mandat ta' sekwestru odjern, u tikkundanna lis-sekwestranti Frankie Ciantar pro et noe et sabiex iħallsu lir-rikorrenti dawn id-danni hekk likwidati, u dan ai termini tal-artikolu 836(9) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Sussidjarjament tordna lis-sekwestranti Frankie Ciantar pro et noe

et sabiex, fit-termini tal-artikolu 838A tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti, fi żmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax.

Rat ir-risposta tal-eżekutanti ppreżentata fis-7 t'Ottubru 2019;

Rat li din il-proċedura ġiet imħollija għall-pronunzjament *in camera* tad-digriet;

***Fatti fil-qosor:***

Illi fil-5 ta' April 2019 Frankie Ciantar talab lil Joffrey Mallia - rappreżentant tal-kumpanija FSS sabiex iforni *charter flight* tesa' 282 passiġġier minn Malta għal-Aalborg Danimarka fid-19 ta' Lulju 2019 u lura fit-28 ta' Lulju 2019 versu l-prezz ta' €66,270. [1] Fuq dan id-dokument hemm il-firma ta' Frankie Ciantar f'ismu personali u m'hemm l-ebda indikazzjoni illi qed jirrappreżenta xi soċjeta` jew *club*. Irriżulta illi t-titjira minn Malta għad-Danimarka kellha xi dewmien u għalhekk il-kumpanija FSS offriet titjiriet alternattivi iżda l-kontinġent għażel li ma jtirx;

Illi fl-20 ta' Lulju 2019 l-eżekutanti kisbu mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-eżekutati għal-ammont ta' €160,000 u konsekuttivament infetħet kawża kontra l-eżekutati;

***Validita` tal-mandat:***

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn, qabel ma l-Qorti tqis jekk hemmx raġunijiet l-għala l-mandat *de quo agitur* għandux jiġi revokat, f'dan il-każ trid tiddetermina jekk hux validu. Skont l-Artikolu 180 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kull att ġudizzjarju għandu jiġi ppreżentat mill-parti stess li tidher fl-isem tagħha

[1] Dok B a fol 16.

nfisha ħlief jekk din il-persuna tkun tinsab barra mill-Gżira ta' Malta jew ta' Għawdex li f'dak il-każ tiġi rappreżentata minn prokuratur. Fil-każ *de quo* jidher illi t-tfal u l-adulti kienu kollha residenti hawn Malta tant li kienu se jsiefru minn Malta għad-Danimarka. Għalhekk ma jistgħux jiġu rappreżentati minn prokuratur. **Dan apparti li l-ebda persuna ma tista' tippreżenta atti f'isem tfal ta' ħaddieħor minorenni purke` ma tkunx speċifikament awtorizzata biex tagħmel dan u tkun, per eżempju, kuratur tagħhom. Dan apparti li r-rikorrenti in kwistjoni, adulti u minorenni, huma innominati u indeterminati; la huma identifikati individwalment b'isimhom u lanqas huwa stabbilit in-numru tagħhom. Tassew mod novell kif jiġu ppreżentati l-atti ġudizzjarji!** Kwindi l-mandat, safejn sar **għan-nom u in rappreżentanza ta' tfal minuri membri fil-clubs rispettivi li kienu se jsiefru u l-persuni adulti li kienu ser jakkumpanjawhom, huwa irritu u null;**

**Illi la Pieta' Hotspurs F.C Academy u lanqas Ħamrun Spartans Nursery m'huma rreġistrati għall-finijiet tal-Att Dwar l-Isports (Kap 455); m'għandhomx identita` ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħhom u konsegwentement m'għandhomx il-kapaċita` ġuridika biex jistitwixxu atti ġudizzjarji. Il-mandat huwa irritu u null ukoll in kwantu maħruġ f'isimhom;**

Illi l-partijiet jaqblu li Noel Debattista illi ma pprosegwixxiex b'kawża wara li kiseb dan il-mandat. Għalhekk fil-konfront tiegħu l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;

Illi għalhekk il-mandat huwa validu biss fil-konfront ta' Frankie Ciantar f'ismu personali;

***revoka ai termini tal-Art. 836(1)(d):***

Illi r-rekwiżit li l-mandat kawtelatorju jrid ikun *prima facie* ġustifikat il-Qorti trid tkun gwidata mill-bilanċ delikat bejn żewġ prinċipji: minn naħa l-waħda dak li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab kif ġieb u laħaq, u min-naħa l-oħra l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti.[2] Huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie* ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.[3] Il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża fil-mertu. Dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina *prima facie* jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża[4];

Illi m'hemm l-ebda spjegazzjoni ta' kif l-eżekutanti waslu għas-somma ta' €160,000 f'danni.  Wisq inqas hemm ħjiel tal-ammont pretiż mill-uniku sekwestrant leġittimu, ċjoe` Frankie Ciantar f'ismu personali;

---

[2] Vincent Merċieca vs George Galea 29.11.2001 Prim'Awla RCP.
[3] Grech pro et noe vs Manfre` 14.07.1988 Qorti tal-Appell (Kollez. Vol. LXXII.II.295).
[4] P .J. Sutters Company Limited vs Concept Limited 10.05.2001 Prim'Awla RCP. 10 ta' Mejju 2001; Visa Investments td vs Blye Engineering Co. td 07.02.2001 Prim'Awla RCP.

***revoka ai termini tal-Art. 836(1)(f):***

Illi r-revoka tal-mandat qiegħda tintalab ukoll għax qed jingħad mir-rikorrenti sekwestrati illi ntwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. Hija interpretazzjoni paċifika ta' din il-Qorti (kif ippreseduta minn imħallfin differenti) li din id-disposizzjoni tapplika biss meta jkun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi wara l-ħruġ tal-mandat;

Li trid tkun sodisfatta issa din il-Qorti hu li m'huwiex ġustifikabbli li jibqa' fis-seħħ kif ordnat preċedentement mill-Qorti kif fil-fatt huwa l-każ in diżamina;

***Talba ghal-penali:***

Illi ladarba t-talbiet tar-rikorrent sekwestrat taħt l-artikolu 836(1)(a) (d) u (f) se jiġu milqugħa, *multo magis* trid tiġi milqugħa t-talba tar-rikorrent sekwestrat għall-impożizzjoni ta' penali taħt l-artikolu 836(8) (b) u/jew (d) tal-Kap. 12;

"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva ll-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-

diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw, l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż[5]. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tħossx li għandha timponi l-penali;

***likwidazzjoni tad-danni:***

Illi għall-istess raġunijiet l-Qorti ma tarax raġuni biżżejjed biex tillikwida xi danni;

***Garanzija ai termini tal-Art 838A***

Illi s-sekwestrati qiegħdin jitolbu ukoll il-ħruġ ta' garanzija abbażi tal-penali li tista' tiġi mposta skont Art. 836(8) u għad-danni li tista' ssofri skont Art. 836(9);

"Meta l-liġi tipprovdi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa ta' min ikun kiseb il-ħruġ favurih ta' Mandat kawtelatorju, min jagħmel it-talba għal garanzija bħal dik (il-persuna eżekutata li kontriha jkun inħareġ il-Mandat li jkun) irid juri tajjeb biżżejjed lill-Qorti li jkun hemm "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-

[5] Joseph Tabone vs. Capece Construction Limited -14.08.2013.

ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[6];

Illi hawnhekk irid jingħad li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu partikolari tal-liġi huwa wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Għalhekk dan ir-rimedju jista' jingħata biss kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[7];

Illi t-talba għar-revoka tal-mandat sejra tintlaqa' u għalhekk ma hemmx lok għall-impożizzjoni ta' garanzija;

**Decide:**

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti

(1) tiddikjara li l-mandat *de quo* huwa validu biss in kwantu ppreżentat minn Frankie Ciantar u Noel Debattista fil-vesti personali tagħhom.

(2) tilqa' l-ewwel talba u tirrevoka l-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 917/19 maħruġ fl-20 ta' Lulju, 2019 kif dedotta fir-rikors tagħhom tal-20 ta' Settembru, 2019 *ai termini* tal-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' Noel Debattista.

(3) tilqa' l-ewwel talba u tirrevoka l-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 917/19 maħruġ fl-20 ta' Lulju, 2019 kif dedotta fir-rikors tagħhom tal-

[6] P.A. (TM), 18.09.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet John Zarb vs. Port Cottonera Ltd.
[7] P.A. (RCP), 30.5.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Joseph Demicoli vs. Coleiro General Supplies Ltd.

20 ta' Settembru, 2019 *ai termini* tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' Frankie Ciantar.

(2) tilqa' t-tieni talba fil-konfront ta' Noel Debattista u tikkundannat iħallas lis-sekwestrati s-somma ta' €1,164.69 abbażi tal-Art. 836(8)(a) tal-Kap 12.

(3) tiċħad it-tielet, u r-raba' talba.

Spejjeż a kariku tas-sekwestranti Frankie Ciantar u Noel Debattista.

Mogħti kameralment illum, 22 t'Ottubru 2019.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA